**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Għasri**

**Id-Disa' Leġislatura**

**Laqgħa Nru. 10**

It-Tnejn, 27 ta' Jannar 2025

Il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

---

Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Dr Daniel Attard | - | Sindku |
| Is-Sur Sammy Saliba | - | Viċi Sindku |
| Is-Sur Emanuel Mintoff | - | Kunsillier |
| Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - | Kunsillera |
| Is-Sur Salvatore Felice Pace | - | Kuinsiller |
| Daniel Galea | - | Accountant (b'mod virtwali) |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Silvio Xerri | - | Segretarju Eżekuttiv |

## 10.1 Talba

10.1.1 Il-laqgħa bdiet b'talba u ġiet ippreseduta mis-Sindku Dr. Daniel Attard.

## 10.2 Ittri ta' Apoloġija

10.2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 10.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

10.3.1 Il-Minuti tal-laqgħat numru 7 u 8 ġew ċirkolati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

## 10.4 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

10.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li għas-sena 2025 il-kunsill ġie allokat l-ammont ta' €224,669.

10.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li kellem lil ta' Airport Impressions rigward l-event Traditions: Wine, Olive Oil and Honey u sabiex jiġu kkonfermati hemm bżonn li jitħallas depożitu ta' €826. Il-Kunsilliera qablu unanimament li tali għandu jitħallas.

Informa wkoll li għal tali event hemm ikkonfermati Jolene Samhan, Cash & Band u issa Airport Impressions. Għalhekk saqsa jekk hemmx il-ħtieġa li jkun hemm DJ li jagħlaq is-serata u l-kunsilliera qablu unanimament li għandu jkun hemm DJ li jagħlaq is-serata.

10.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li rċieva *email* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali datata 27 ta' Jannar 2025 - Cir AKL 2025/001_Mental Health First Aid Training 2025.

10.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li rċieva l-kwotazzjonijiet mingħand il-kuntrattur relatati ma' xogħolijiet fi Triq il-Knisja u fi Triq Wied l-Għasri. Il-kunsilliera qablu li rigward Triq il-Knisja għandu jiġi mitkellem il-kuntrattur biex jivverifika l-kwotazzjoni peress li f'sezzjoni minnhom hemm ammont kbir ta' metri kwadri u jekk dawn jiġu riveduti għal kemm fil-fatt huma l-metri kwadri, l-kunsill japprova tali kwotazzjoni. Rigward il-kwotazzjoni ta' Triq Wied il-Għasri il-kunsilliera qablu li l-kunsill ma jistax joħroġ dak l-ammont waħdu u għalhekk irid jiġi vverifikat jekk tistax tintalab għajnuna mingħand il-Ministeru jew xi skema tal-*farm roads*.

10.4.4 Is-Sindku rrimarka li rċivejna PQ 25010 - Ir-Rabat, Għawdex – Triq Wied Sara – Xogħlijiet u nforma li min-naħa tagħna rrispondejna li filwaqt li nirringrajaw lil Ministerju ta' Għawdex u l-Ippjanar għall-għajnuna finanzjarja mogħtija, u li m'għandux x'iżid.

10.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li rċieva *email* rigward spezzjoni li saret bejn is-6 u l-10 ta' Jannar 2025. Irrimarka li fost l-oħrajn issemmiet it-*telephone box* li hemm fil-pjazza. Il-kunsilliera qablu li għandha tiġi restawrata kif suppost u għalhekk għandha titqabbad persuna li tista' tagħmel tali restawr. Għandu jiġi vverifikat mal-Planning Authority jekk tali xogħolijiet jaqgħux taħt id-*Development Planning Fund.*

10.4.6 Is-Sindku rrimarka li fil-lokalita' ta' Birżebbuġa twaħħlu tabelli mal-i*speed cameras* li qed ikunu effettivi ħafna sabiex min ikun qed isuq inaqqas il-veloċita. Għandu jiġi vverifikat x'tabelli ntużaw.

## 10.5 Tweġibiet għall-Mistoqsija tal-Kunsilliera

10.5.1 Il-kunsilliera Liża Mintoff irrimarkat li diversi qed jitolbu li jiġu *patched* bis-*cement* xi toqob li hemm fi Triq iil-Kanun. Is-Sindku rrimarka li għandna bżonn kwotazzjoni ta' tali xogħolijiet ħalli jiġi stmat kemm ser jiġu tali xogħolijiet.

10.5.2 Il-Viċi Sindku Sammy Saliba rrimarka li qed ikun hemm problema bil-*garbage* tal-iskola peress li jinħareġ kmieni u għalhekk xi qtates jew klieb iqattgħu l-*garbage*. Irrimarka li hemmhekk hemm ordnat li jsir *dustbin* tal-ħadid u li l-aħjar ngħidu li min qed jagħmel id-*dustbin* sabiex iżid kanna miegħu li magħhom ikun jista' jitpoġġa l-*garbage* li jinħareġ. Il-kunsilliera qablu ma din il-proposta.

10.5.2 Il-Kunsilliera Liża Mintoff irrimarkat li dawk li qed jagħtu l-ikel lill-qtates tat-toroq qed jitolbu l-għajnuna sabiex jixtru l-ikel għalihom. Is-Segretarju Eżekuttiv informha li kienu ħarġu l-*vouchers* mingħand l-Animal Welfare u kienu tqassmu. Ser jerġa ikellem lil tal-Animal Welfare sabiex jivverifika jekk tali *vouchers* hux ser jerġgħu jitqassmu.

## 10.6 Għeluq sena Finanzjarja 2023

10.6.1 Ġie ppreżentat ir-Rendikont Finanzjarju għas-sena 2023 mingħand l-Accountant tal-Kunsill Daniel Galea (preżenti onlajn) li spjega tali rendikont. Il-kunsilliera approvaw unanimament ir-rapport.

## 10.7 Performance Bonus Community Workers

10.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li bi żvista l-ħaddiema tal-Community Workers ma ngħatawx il-Performance Bonus li kien ħaqqhom u li għalhekk qed jissuġġerixxi li tali jingħataw d-differenza li ma ħadux. Il-kunsilliera qablu unanimament ma tali talba.

## 10.8 Performance Bonus Segretarju Eżekuttiv

10.8.1 Il-Kunsilliera qablu unanimament li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu l-massimu tal-Performance Bonus għandu jieħu l-massimu.

## 10.9 Materji Oħra

10.9.1 Ġie maqbul li l-ikla li s-soltu ssir għall-atturi li jieħdu sehem fil-play tal-Milied għandha ssir nhar il-Ħadd, 2 ta' Marzu 2025 f'nofsinhar .

10.9.2 Il-Kunsilliera qablu li bħas-snin preċedenti jorganizza Weekend Break f'Malta u li ser jissussidja l-ammont ta' €30 għal kull persuna u li ser iħallas id-dħul għal MonteKristo Animal Park. It-trasport kollu sew ta' Għawdex u sew ta' Malta għandu jitħallas mill-Kunsill ukoll.

10.9.3 Ġie propost li tiġi organizzata safra fix-xhur tas-Sajf. Il-kunsilliera qablu li għandhom jiġu mitkellma xi *tour operators* jew xi persuni li jistgħu jorganizzaw tali safra u tinġieb kwotazzjoni.

10.9.4 Persuna talbet l-għajnuna sabiex il-Kunsill jirrestawra l-kappella ta' San Pupulju. Il-Kunsilliera rrimarkaw li dik ma taqgħax taħt il-Kunsill.

10.9.5 Persuna rrimarkat li faċċata tal-kappella ta' San Pupulju hemm niċċa li għandha bżonn li tiġi restawrata. Il-kunsilliera rrimarkaw li tali niċċa hija privata.

10.9.6 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li huwa bagħat lil tal-JobsPlus rigward l-applikazzjoni tal-iskrivan/a fi skala 15 li għadha pendenti sabiex tkun tista' ssir *open call*. Min naħa tal-Jobsplus reġgħu bagħtu lista ta' nies li jistgħu japplikaw u ngħata permess sabiex tkun tista' ssir *open call*. Għandhom jiġu mitkellma l-membri tal-Bord sabiex tingħata data sa meta għandha tkun miftuħa l-*open call* u data ta' meta għandhom isiru l-intervisti.

10.9.7 Il-Kunsillier Emanuel Mintoff ippropona li fi Triq il-Ġdida jintrema dawl mas-siġar għal żmien il-Milied. Il-Kunsilliera qablu

ma tali proposta.

10.9.8 Il-Viċi Sindku Sammy Saliba rrimarka li fi Triq ta' Għammar hemm bżonn li jsiru żewġ (2) bankini. Irrimarka li l-bankini tal-madwar kienu saru mill-kuntrattur u għalhekk l-aħjar li jintalab il-madum mid-Dipartiment tal-Gvern u l-kuntrattur jagħmel il-bankini sabiex ikunu l-istess. Il-Kunsilliera qablu li tali bankini għandhom isiru mill-kuntrattur.

10.9.9 Il-Viċi Sindku Sammy Saliba nforma li hemm rampa fi Triq il-Knisja li għandha bżonn tinbidel. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li t-talba lid-Dipartiment tal-Gvern kienet saret iżda għadha tidher *pending* fuq is-sistema. Il-kunsilliera qablu li għanda ssir mill-kuntrattur.

10.9.10 Il-Viċi Sindku Sammy Saliba saqsa jekk apparti l-powsters, jistgħux isiru xi banners kbar għall-event Traditions: Wine, Olive Oil and Honey. Il-Kunsilliera qablu li għandhom isiru tali banners. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah li meta tkellem mal-kumitat ġie rrimarkat li l-powsters għandhom jinbidlu minn *portrait* għal *landscape* sabiex ikunu jidhru aktar.

## 10.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti

10.10.1 Tressqet l-iskeda ta' pagamenti numru 09-08 biex tkun approvata mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet approvata. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 10.11 Tmiem il-laqgħa u data tal-lagħa li jmiss

10.11.1 Il-laqgħa ntemmet fid-8:45 ta' filgħaxija. Sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 26 ta' Frar 2025 fis-7:00 ta' filgħaxija.

Ikkonfermati, nhar il-Erbgħa 26 ta' Frar 2025.

**Dr. Daniel Attard**
**Sindku**

**Silvio Xerri**
**Segretarju Eżekuttiv**